# M’hemm l-ebda Sfurzar fir-Reliġjon!



AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# M’hemm l-ebda Sfurzar fir-Reliġjon!

LAIQ AHMED ATIF

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

**NO COMPULSION IN RELIGION!**
**(In Maltese Language)**

---

# M'hemm l-ebda Sfurzar fir-Reliġjon!

Kitba ta'
**Laiq Ahmed Atif**

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel**: +356-27342401 • **Tel**: +356-21322105
**Mob:** +356-79320139 • **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

Stampa: © shutterstock.com

978-99957-59-04-9

بسم الله الرحمن الرحيم

F’Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

Il-libertà hija dritt ta’ kull ħlejqa ħajja, u l-bniedem żgur li mhux eċċezzjoni. Il-libertà hija l-aktar frotta għażiża tal-ħajja. Il-bniedem huwa l-eżempju l-aktar perfett tal-libertà li hija mwaħħda miegħu. L-għamla proprja tiegħu hija mnissġa mill-ħjut tal-libertà. Il-bnedmin huma l-personifikazzjoni tal-libertà, li għandha għeruq sodi ġo fihom. L-apiċe tal-libertà umana hija l-‘Libertà tar-Reliġjon’, li hija wkoll meqjusa bħala parti waħda mil-libertajiet akbar tal-kuxjenza – il-libertà ta’ kull individwu li jħaddan twemmin jew idea mingħajr biża’, sfurzar, persekuzzjoni, kastigi jew diskriminazzjoni. Hija l-pedament ta’ kull soċjetà ħielsa u fuqha tissaħħaħ l-idea tal-protezzjoni tal-aktar dritt importanti għan-nies – id-dritt li jemmnu dak li jridu.

Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani tal-Ġnus Magħquda wkoll iggarantiet il-libertà reliġjuża għal kulħadd billi stqarret dan li ġej f’Artiklu 18:

> “Kulħadd għandu l-jedd għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon; dan il-jedd iħaddan il-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew il-konvinzjoni tiegħu u li jkun ħieles, kemm waħdu kif ukoll ma’ oħrajn, fil-beraħ jew fil-privat, jistqarr ir-reliġjon jew il-konvinzjoni tiegħu fit-tagħlim, fl-għemejjel, fil-qima u fil-ħarsien tagħhom.”

Il-kunċett ta’ libertà assoluta fit-twemmin – il-libertà li wieħed jipprattika l-fidi tiegħu f’konformità mal-prinċipji tagħha u

l-libertà mill-isfurzar għall-konverżjoni għal reliġjon partikolari – ġie stabbilit kważi 1500 sena ilu mill-Koran Imqaddes u ġie msaħħaħ mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Tabilħaqq li l-libertà tal-fidi huwa prinċipju bażiku u twemmin fundamentali fl-Iżlam.

Il-Koran Imqaddes, il-Ktieb Sagru tal-Musulmani, jiddikjara:

> U huma jaduraw barra minn Alla dak kollu li mhux se jiswielhom ta' ġid jew ta' deni. U dak li ma jemminx jgħin *lix-Xitan* kontra l-Mulej tiegħu. U Aħna ma bgħatniekx ħlief bħala messaġġier ta' aħbarijiet tajba u bħala Wissej. Għidu, 'M'jien se nitlob l-ebda rikompensa ta' dan, ħlief li min jixtieq jista' jagħżel il-mogħdija lejn il-Mulej tiegħu.' (Il-Koran Imqaddes, 25:56-58)

Alla jgħid lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]: Għid lin-nies li jiena ma nixtieq l-ebda rigal talli twasslu l-messaġġ tiegħi. Il-premju tiegħi jkun biżżejjed meta persuna tiftaħ qalbha biex taċċetta l-verità tal-Iżlam. U hija taqbad il-mogħdija li twassalha għand Alla, li bis-saħħa tagħha tħaddan l-Iżlam u tikseb l-approvazzjoni ta' Alla.

Din is-silta tippreżenta dan il-kunċett sabiħ tal-Iżlam, li kull persuna hija ħielsa li ssegwi liema fidi trid. U kull persuna għandha d-dritt li temmen f'liema reliġjon trid basta b'volontà ħielsa. L-ebda sfurzar mhu aċċettat fuq ħadd. Fi żmien il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], l-Għarab u ċittadini ta' pajjiżi oħra kienu jaċċettaw l-użu tal-forza u l-vjolenza fi kwistjonijiet reliġjużi, iżda l-Koran Imqaddes ikkundanna l-użu tal-forza fi ħwejjeġ reliġjużi.

L-Iżlam hija reliġjon komprensiva, ibbilanċjata, perfetta, kompleta u universali. L-Iżlam sawwar stil ta' għajxien u ta

direzzjoni f'kull qasam tal-ħajja umana. L-Iżlam hija reliġjon tan-natura u tissapportja l-libertà tal-kuxjenza u l-fidi.

Alla pprovda lill-bniedem il-mezzi kollha li bihom jista' jsib il-mogħdija ġusta, u ġie mżejjen b'għajnejn kemm spiritwali kif ukoll fiżiċi ħalli jkun jista' jagħraf bejn it-tajjeb u l-ħażin. Madanakollu, Alla ħalla l-għażla tat-tiftix tat-triq f'idejn il-bniedem, skont ir-rieda ħielsa tiegħu, mingħajr l-ebda sfurzar. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> Aħna ma tajniehx żewġ għajnejn, u lsien u żewġ xofftejn? U Aħna wrejnieh iż-żewġ toroq prinċipali *tat-tajjeb u l-ħażin*. (90:9-11)

> Aħna wrejnieh it-Triq, minkejja li jista' jkun grat jew ingrat. (76:04)

Madanakollu, huwa allegat li fil-bidu l-Iżlam infirex taħt id-dell tax-xabla, li kienet tintrefa' kontra kull individwu li kien jirrifjuta li jħaddan l-Iżlam, u li l-Musulmani kellhom imponuta fuqhom obbligazzjoni reliġjuża li jikkonvertu n-nies għall-Iżlam bis-setgħa tax-xabla.

Biex nifhmu dan il-punt, huwa meħtieġ li nistudjaw it-tagħlim ippreżentat mill-Iżlam dwar l-isfurzar fi kwistjonijiet reliġjużi. Fi kliem ieħor, huwa aċċettat – fid-dawl tat-tagħlim Iżlamiku – li n-nies jiġu kkonvertiti għall-Iżlam bil-forza, u li l-Iżlam għandu jixtered bl-użu tax-xabla?

Meta nagħtu titwila lejn il-Koran Imqaddes, insibu twissijiet ċari kontra l-propagazzjoni bil-forza. Alla l-Igglorifikat jiddikjara:

> Ja Messaġġier! Għid lin-nies li issa l-verità waslet lilkom mingħand il-Mulej tagħkom. Għalhekk min se jaċċetta din id-direzzjoni, se jagħmel dan għall-ġid ta'

> ruħu stess, u min se jsegwi l-mogħdija l-ħażina, il-konsegwenzi ta' dan se jsofrihom huwa wkoll. U jiena m'iniex għassies fuqkom. (10:109)

L-Iżlam ma jippermettix l-użu tal-forza bħala strument għat-tixrid tal-Messaġġ tiegħu. Huwa jiddikjara:

> M'għandu jkun hemm l-ebda sfurzar fil-kwistjoni tar-reliġjon. It-tajjeb ġie jingħaraf mill-ħażin; u se jiġri li kull min jabbanduna d-direzzjoni l-ħażina u jemmen f'Alla, ikun qisu ħakem manku iebes, li ma jaf bl-ebda tkissir. U Alla Jisma' Kollox, u Jaf Kollox. (2:257)

Għaldaqstant m'hemm bżonn ta' ebda ġegħil. Inħallu f'idejn il-bniedem biex jiddetermina fejn tinsab il-verità. Waqt li indirizza l-Fundatur[sa] Qaddis tal-Iżlam, Alla wissieh ċar u tond biex ma jsegwi l-ebda idea ta' forza fit-tentattiv tiegħu li jirriforma s-soċjetà. Il-pożizzjoni tiegħu bħala riformatur hija mfissra b'mod espliċitu ħafna fil-versi li ġejjin:

> Għalhekk wissihom, għaliex inti m'intix ħlief il-wissej; inti m'għandek l-ebda awtorità biex tikkostringihom. (88:22-23)

> Iżda jekk jitilqu 'l hemm, Aħna ma bgħatniekx bħala għassies fuqhom. Id-dmir tiegħek huwa li twassal il-Messaġġ. Ħalli f'idejn Alla biex jagħmel il-Messaġġ effettiv. (42:49)

> Mhijiex ir-responsabbiltà tiegħek li ġġagħalhom jimxu fit-triq it-tajba; iżda Alla jiddirieġi lil min jixtieq Hu. (2:273)

> Iżda jekk jitlewmu miegħek, għidilhom, 'Jiena ssottomettejt lili nnifsi għal Alla, u anki għal dawk li qed isegwuni.' U għid lil dawk li ngħataw il-Ktieb u lil dawk li ma jafux, 'Intom aċċettajtu?' Jekk aċċettaw, mela dawn żgur se jiġu ggwidati; iżda jekk huma jduru lura, imbagħad id-dmir tiegħek ikun biss li twassal il-messaġġ. U Alla jkun qed iħares lill-qaddejja tiegħu. (3:21)

Aktar minn hekk, Alla s-Setgħani jagħmilha kompletament ċara li jekk l-isfurzar ikollu jsir permessibbli fil-kwistjonijiet ta' fidi, mela għalfejn Alla jkun ħalla l-affarijiet f'idejn in-nies, meta Huwa stess seta' jisforza lin-nies biex jemmnu fir-reliġjon? Alla jistqarr li l-introduzzjoni tal-prinċipju tal-isfurzar fir-reliġjon qatt ma kienet parti mill-pjan tiegħu, u Huwa qatt ma ppermetta l-ebda konnessjoni bejn ir-reliġjon u l-kostrinġiment. Alla s-Setgħani jgħid:

> U jekk il-Mulej tagħkom kellu jimponi r-rieda Tiegħu, ċertament li dawk kollha li jinsabu fuq din l-art kienu jemmnu lkoll flimkien. Allura inti se ġġiegħel lill-bnedmin biex isiru kredenti? (10:100)

> U għidu, 'Din hija l-verità mill-Mulej tagħkom; għalhekk ħallu lil dak li jrid, jemmen, u ħallu lil dak li jrid, ma jemminx.' (18:30)

> Alla se jgħid: 'Aħna żgur li wassalnielkom il-verità; iżda l-maġġoranza tagħkom kontu kuntrarju għall-verità.' (43:79)

> Għidu, 'O ja infidili! 'Jiena ma nadurax dak li inti tadura'; 'U lanqas tadura inti dak li nadura jien.' 'U

> jiena m'iniex se nadura dak li tadura inti'; 'U inti m'intix se tadura dak li nadura jien. Għalik ir-reliġjon tiegħek, u għalija r-reliġjon tiegħi.' (109:1-7)

Jekk Alla Nnifsu ma jisfurzax lin-nies biex jemmnu, min aħna biex ngħollu x-xabla ħalli nġagħlu lill-oħrajn jemmnu?

Biex ixerred il-messaġġ ta' Alla l-Iżlam fassal ukoll prinċipji bażiċi u kodiċi ta' mġiba ferm definita, u l-Musulmani huma obbligati biex ikunu għaqlin, ġenerużi u rispettużi fit-tixrid tal-messaġġ tal-Iżlam lill-bnedmin sħabhom. U jekk tiżvolġi xi reazzjoni vjolenti, hemmhekk l-Iżlam iħeġġeġ bil-qawwa lis-segwaċi tiegħu biex iżommu l-paċenzja u juru perseveranza u jevitaw il-ġlied kemm jistgħu. Il-Koran Imqaddes jgħallem:

> Sejħu lin-nies għat-triq tal-Mulej tagħkom, b'għaqal u b'diskors sabiħ, u tlewmu magħhom bl-aħjar mod possibbli. Ċertament li l-Mulej tagħkom jaf sew min iddevja mit-triq Tiegħu; u Hu jaf ukoll min miexi fit-triq it-tajba. (16:126)
>
> U min hu aktar elokwenti fid-diskors aktar minn dak li jistieden lin-nies biex jersqu lejn Alla u jwettaq għemejjel tajba u jgħid, 'Jiena żgur wieħed minn dawk li ssottomettew ruħhom?' U t-tajjeb u l-ħażin mhumiex l-istess. Warrbu l-*ħażen* b'dak li hu l-aħjar. U taraw, dak li bejnu u bejnek kien hemm ir-rivalità jsir daqslikieku kien ħabib tal-qalb. (41:34-35)
>
> Warrbu l-ħażen b'dak li hu l-aħjar. Aħna nafu sew x'inhuma l-allegazzjonijiet tagħhom. (23:97)

# DOKUMENT TA' LIBERTÀ

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ippreżenta Dokument ta' Libertà lill-Monasteru ta' Santa Katarina fuq il-Muntanja Sinaj fis-sena 628, is-sitt sena tal-Ħeġira. Dak id-Dokument huwa, probabbli, l-aqwa eżempju tax-xewqa tiegħu għal-libertà tal-fidi u paċi interreliġjuża. Dan id-dokument monumentali qatt ma kien hemm bħalu qabel fl-istorja tal-umanità. Huwa jiddikjara:

"Dan hu d-dokument li Muħammad, iben Abdullah, il-Profeta ta' Alla, Wissej u Messaġġier ta' aħbarijiet tajba ried li jinkiteb ħalli ma jkun hemm l-ebda skuża għal dawk li jiġu warajh. Jiena ordnajt li dan id-dokument jinkiteb għall-Insara tal-Lvant u tal-Punent, għal dawk li jgħixu fil-qrib, u għal dawk f'artijiet imbiegħda, għall-Insara tal-lum u għall-Insara ta' għada, għall-Insara midħla tagħna u għal dawk ukoll li aħna ma nafux.

Kull Musulman li ma jobdix jew li jgħawweġ dak li ġie ordnat ikun ikkunsidrat li qed jikser il-Patt ta' Alla u li jkun qed jeħodha kontra l-Wegħda Tiegħu, u b'din l-azzjoni, huwa jkun qed jitfa' fuqu l-għadab ta' Alla, kemm jekk ikun re kif ukoll jekk ikun sudditu ordinarju. Jiena nwiegħed lil kull raħeb jew vjaġġatur li jfittex l-għajnuna tiegħi fil-muntanji, fil-foresti, deżerti jew abitazzjonijiet, jew postijiet ta' adorazzjoni, jiena nbiegħed lill-għedewwa tiegħu bis-saħħa tal-ħbieb u l-ajjutanti tiegħi, tal-qraba kollha tiegħi u dawk kollha li jistqarru li se jsegwuni u niddefendihom, il-għaliex huma l-konvenzjoni tiegħi.

U jiena niddefendi lil dawk li qegħdin taħt il-kura tiegħi kontra l-persekuzzjoni, it-tidrib u l-umiljazzjoni tal-għedewwa tagħhom minflok it-taxxa fuq kull ras li wiegħdu li se jħallsu. Jekk huma

jippreferu li jiddefendu l-proprjetajiet u n-nies huma stess, huma se jitħallew iwettqu dan u mhux se jingħataw l-ebda fastidju minħabba f'hekk.

L-ebda isqof mhu se jitkeċċa mill-veskovat tiegħu, l-ebda patri mill-monasteru tiegħu, l-ebda qassis mill-post ta' adorazzjoni tiegħu, u l-ebda pellegrin mhu se jitwaqqaf fil-pellegrinaġġ tiegħu.

Lanqas waħda mill-knejjes tagħhom jew postijiet oħra ta' qima mhu se tiġi mitluqa, jew meqruda jew imġarrfa. L-ebda materjal mill-knejjes tagħhom mhu se jintuża biex jinbnew moskej jew djar għall-Musulmani; kull Musulman li jinqabad iwettaq dan se jkun meqjus bħala diżubbidjenti quddiem Alla u l-Profeta Tiegħu.

L-Irħieb u l-Isqfijiet mhuma se jkunu suġġetti għall-ebda taxxa fuq ir-ras jew indennizz kemm jekk ikunu jgħixu fil-foresti jew fuq ix-xmajjar, fil-Lvant jew fil-Punent, fit-Tramuntana jew fin-Nofsinhar. Nagħtihom il-kelma tal-unur tiegħi. Huma l-wegħda u l-konvenzjoni tiegħi u se jgawdu minn immunità sħiħa minn kull xorta ta' fastidju. Kull għajnuna se tingħata lilhom għat-tiswija tal-knejjes tagħhom. Se jkunu maħfura talli jilbsu l-armi. Se jkunu protetti mill-Musulmani. Araw li dan id-dokument jiġi onorat sa Jum il-Ġudizzju."[1]

# TRATTAT MAL-LHUD

Meta l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] emigra lejn Medina huwa għamel patt mal-Lhud. Dan it-trattat huwa sinjal ċar ta' libertà reliġjuża, paċi u dinjità umana. Xi kundizzjonijiet ewlenin huma ppreżentati hawn għall-qarrejja tagħna:

1. Il-Musulmani u l-Lhud se jgħixu flimkien f'solidarjetà u sinċerità, u mhumiex se jaħqru jew jittrattaw ħażin lil xulxin.

2. In-nies kollha huma ggarantiti l-libertà reliġjuża.

3. Il-ħajjiet u r-rikkezzi taċ-ċittadini kollha se jkunu rispettati u protetti, ħlief meta individwu jinstab ħati ta' atti oppressivi jew kriminali.

4. It-tilwim u l-kunflitti kollha se jkunu ppreżentati quddiem il-Messaġġier ta' Alla għall-ġudizzju tiegħu, u l-verdetti kollha se jittieħdu skont l-Ordni Divina (ċoè, ix-Xarija ta' kull poplu speċifiku).

5. L-ebda grupp mhu se jitlaq għall-gwerra mingħajr il-permess tal-Messaġġier ta' Alla.

6. Jekk nazzjon ieħor jiddikjara gwerra kontra l-Lhud jew il-Musulmani, wieħed se jiddefendi lill-ieħor.

7. Bl-istess mod, jekk Medina tiġi attakkata kulħadd se jiddefendiha flimkien.

8. Il-Lhud mhu se jipprovdu l-ebda għajnuna jew protezzjoni lill-Kurajx ta' Mekka jew l-alleati tagħhom.

9. Kull komunità se ġġorr l-ispejjeż tagħha.

10. Dan it-trattat mhu se jipproteġi lill-ebda tirann, kriminal, jew kull min jagħmel il-ħażin mill-kastig jew mir-retribuzzjoni.[2]

# GWERER DIFENSIVI JEW ĠIĦAD BIX-XABLA

L-istorja tagħti xhieda li ma kinux il-Musulmani li kienu jiddikjaraw il-gwerra u jisfurzaw lin-nies biex jemmnu fl-Iżlam, iżda, kienet tinbeda mill-għedewwa tagħhom li kienu jużaw il-forza u l-vjolenza fi kwistjonijiet reliġjużi u kienu jġagħlu lill-Musulmani ma jemmnux fl-Iżlam – ir-reliġjon tal-għażla personali tagħhom.

L-istoriċi jiktbu li proprju l-ewwel vers Koraniku li jittratta l-Ġiħad bix-xabla ġie rrivelat lill-Qaddis Profeta[sa] fi 12 Safar 2 W.Ħ., jew fil-15 t'Awwissut 623 W.K., meta perjodu ta' kważi sena kien għadda mill-wasla tal-Qaddis Profeta[sa] f'Medina. Dak il-vers jgħid hekk:

> Huwa permissibbli għall-Musulmani li jiġġieldu kontra dawk l-infidili li jerfgħu x-xabla għaliex huma (il-Musulmani) ġew trattati ħażin – U Alla tassew għandu s-setgħa li jgħinhom – Dawk li tkeċċew inġustament minn djarhom, għaliex qalu biss, 'Il-Mulej tagħna huwa Alla' – U kieku Alla l-Igglorifikat ma warrabx xi rġiel bis-saħħa ta' oħrajn (billi ta l-permess għall-gwerra difensiva), żgur li kienu jiġġarrfu l-kjostri tal-irħieb u knejjes Insara u sinagogi Lhud u moskej, li fihom jissemma u jitfakkar ħafna l-Isem ta' Alla. U Alla l-Igglorifikat żgur li se jgħin lil dak li jgħinu. Bla dubju ta' xejn, Alla l-Igglorifikat huwa Setgħani, Qawwi. (22:40-41)

Iċ-ċarezza u l-luċidità li bihom dawn il-versi mill-Koran Imqaddes juru l-għan fundamentali tal-gwerer Iżlamiċi tal-bidu u l-qagħda tal-Musulmani dak iż-żmien jindikaw li m'hemm bżonn tal-ebda spjegazzjoni. Jekk wieħed jirrifletti ftit, erba' affarijiet huma

evidenti minn dan il-vers:

- L-ewwel nett, f'din il-gwerra, kienu l-infidili li taw l-ewwel pass kif inhu evidenti mill-kliem, "dawk li jiġu attakkati".
- It-tieni nett, l-infidili ttrattaw bi ħruxija lill-Musulmani, u kienu dawn l-istess krudeltajiet li kienu l-kaġun tal-gwerra, kif inhuwa msemmi fil-kliem, "għaliex tkun saret inġustizzja kontrihom".
- It-tielet, l-għan tal-Kurajx kien li jeqred ir-reliġjon Iżlamika kif indikat fil-kelma, "żgur li kienu jiġġarrfu".
- Ir-raba', l-iskop tal-Musulmani li jiddikjaraw il-gwerra kien biex jiddefendu u jipproteġu lilhom infushom, kif imfisser fil-kliem, "u kieku Alla ma warrabx xi rġiel".

Għalhekk, dan il-vers tal-Koran Imqaddes, li huwa speċifikament l-ewwel vers dwar il-*Ġiħad* bix-xabla, jiddikjara b'ċarezza kbira li kienu l-infidili li taw bidu għal dawn il-gwerer, u xtaqu li jeradikaw lill-Iżlam bil-forza. Kienu l-Musulmani li ġew ittrattati ħażin, u kien biss biex jiddefendu u jipproteġu lilhom infushom li kellhom jaqbdu x-xabla. Jiena nemmen li dan il-vers waħdieni għandu jservi ta' tweġiba suffiċjenti għal dawk l-allegazzjonijiet kollha li qalgħu l-għedewwa tal-Iżlam, b'konnessjoni mal-*Ġiħad* bix-xabla. Jekk wieħed jagħżel li jifhem.

F'vers ieħor Alla l-Igglorifikat jiddikjara:

> O ja Musulmani! U ssieltu għall-kawża ta' Alla kontra dawk li jiġġieldu kontrikom, iżda tiksrux il-liġi, għax Alla ma jħobbx lit-trasgressuri. U ġġieldu kontra dawk l-infidili li jissieltu kontrikom kull fejn tiltaqgħu magħhom. U keċċuhom minn fejn keċċew lilkom, jiġifieri, kull fejn huma jixtiequ li jabolixxu l-influwenza tagħkom bil-forza, opponuhom. Bla

> dubju ta' xejn, il-persekuzzjoni li dawn in-nies qed joħolqu fuqkom hija ħafna agħar mill-qtil. U tiġġildux magħhom fl-inħawi tal-Ħaram [viċinanza sagra tal-Kabah]. Iżda jekk huma jibdew il-ġlied fil-Ħaram, mela ċertament li intom tridu tissieltu magħhom hemmhekk: dak huwa l-premju għall-ingrati.
>
> U jekk l-infidili jieqfu, mela kunu afu li Alla żgur huwa l-Aktar li Jaħfer, Kollu Ħniena.
>
> U intom ja Musulmani! Iġġieldu mal-infidili sakemm ma jkunx hemm persekuzzjoni fil-pajjiż u l-fidi lejn Alla tkun mgħajxa b'mod ħieles, ċoè, ma jkun hemm biża' minn ħadd ħlief minn Alla fi kwistjonijiet reliġjużi u kull individwu jkun jista' jistqarr il-fidi li huwa jagħżel b'libertà tal-kuxjenza. Iżda jekk dawn l-infidili jieqfu mill-ġlied, mela anki intom tridu tieqfu immedjatament. Ftakru li l-ebda ostilità mhi aċċettata ħlief dik kontra l-aggressuri. (2:191-194)

Il-ħsieb wara dan il-vers huwa wkoll ċar ħafna, u għalhekk huwa evidenti li l-Musulmani ngħataw biss il-permess għall-Ġiħad kontra dawk in-nies li ġġieldu magħhom minħabba r-reliġjon u li xtaqu jreġġgħuhom lura mill-fidi tagħhom bis-saħħa tax-xabla. Barra minn hekk, il-Musulmani ġew ukoll ordnati biex jekk l-infidili jwaqqfu l-ġlied mela anki huma kellhom jieqfu immedjatament. Aktar minn hekk, l-għerf wara l-att tal-gwerra wkoll issemma f'dan il-vers, u dan biex ma jkunx hemm aktar persekuzzjoni fil-pajjiż u tiġi stabbilita l-libertà reliġjuża.

Imbagħad Huwa jistqarr:

> U jekk dawn l-infidili jxaqilbu lejn il-paċi, mela Ja Messaġġier! Inti wkoll għandek ixxaqleb lejha, u tqiegħed il-fiduċja tiegħek f'Alla. Bla dubju, huwa proprju Huwa li Jisma' Kollox, li Jaf Kollox. (8:62) [3]

Ħażrat Mirża Gulam Aħmad, il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, u l-Messija Mwiegħed[as] jgħid:

"Jiena ma nafx kif u minn fejn l-għedewwa tagħna semgħu li l-Iżlam inxtered permezz tax-xabla. Alla jistqarr fil-Koran Imqaddes li m'hemm l-ebda sfurzar fil-fidi Iżlamika. Jiġifieri: Ir-reliġjon tal-Iżlam ma tippermetti l-ebda sfurzar fi kwistjonijiet reliġjużi. Min ordna l-użu tal-forza u x'mezzi ta' sfurzar kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom? U għal darb'oħra, dawn in-nies li jiġu sfurzati biex ibiddlu t-twemmin tagħhom ma jurux xi dedikazzjoni speċjali u lanqas kwalità ta' twemmin, u li mingħajr profitti finanzjarji, u minkejja li jgħoddu ftit mijiet jissograw jikkonfrontaw armata ta' eluf. Meta dawn il-ftit laħqu l-għadd ta' elf, dawn b'xi mod akkwistaw is-saħħa li jirbħu għedewwa li kienu jgħoddu mal-mijiet ta' eluf. Dawn mingħajr eżitazzjoni offrew ħajjithom biex jiddefendu l-fidi tagħhom, li jinqatlu bħan-nagħaġ u l-mogħoż. Immarkaw it-testimonjanza għall-verità tal-Iżlam bid-demm tagħhom stess. Barra minn hekk, tant tgħaxxqu bil-biċċa xogħol li jxerrdu l-Unità ta' Alla li, waqt li aċċettaw b'rieda tajba kull tip ta' sofferenza bħall-axxetiċi, qasmu d-deżerti tal-Afrika biex iwasslu l-messaġġ tal-Iżlam ħalli t-tagħlim imbierek tagħhom inissel il-frott tal-verità. B'hekk irnexxielhom jikkonvertu għexieren ta' miljuni ta' Ċiniżi għall-Iżlam. Imbagħad daħlu l-Indja f'sura ta' driewex libsin l-ixkejjer u rnexxielhom jikkonvertu għall-Iżlam ħafna mill-fidi ta' Arya. Waslu saħansitra sal-fruntieri tal-Ewropa u l-messaġġ wassluh b'leħen għoli u ċar: 'M'hemm ħadd den tal-qima ħlief Alla.'

Għidu l-verità, dan huwa x-xogħol ta' dawk li ġew sfurzati jaqilbu għall-Iżlam? Dawk li qlubhom ma jemmnux, jistgħu l-ilsna tagħhom jemmnu? Le, iżda dan huwa x-xogħol ta' dawk li qlubhom mimlijin bid-dawl tal-fidi u li fi qlubhom m'hemm ħadd ħlief Alla u Alla." [4]

Fil-qasir, l-Iżlam jissapportja l-libertà tal-fidi. It-tagħlim

Koraniku jirribatti ċar u tond dawk l-allegazzjonijiet imqajma kontra l-Iżlam li jsostnu li dan jippermetti l-użu tal-forza, sfurzar u vjolenza f'isem ir-reliġjon, u li l-Iżlam inxtered bix-xabla u l-ġlied. Din l-allegazzjoni hija bla bażi mal-ewwel; il-pajjiżi, it-territorji u l-artijiet jistgħu jinħakmu bil-forza u l-popli jistgħu jiġu dominati u jsiru skjavi bix-xabla, iżda l-qlub qatt ma jistgħu jintrebħu bix-xabla. L-Iżlam rebaħ il-qlub tan-nies bis-saħħa tad-djalogu, tal-għarfien, tal-edukazzjoni, tal-persważjoni, tal-imħabba, tal-kompassjoni u bil-karattru nobbli u eżemplari tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[ra], ir-Raba' Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana, jgħid:

"L-ebda reliġjon b'messaġġ universali u ambizzjonijiet globali biex tgħaqqad lill-bniedem taħt bandiera waħda ma tista' anke għal żmien qasir issostni l-idea li tuża l-forza biex ixxerred il-messaġġ tagħha.

Ix-xwabel jistgħu jirbħu l-artijiet iżda mhux il-qlub.

Il-forza tista' tgħawweġ l-irjus iżda mhux l-imħuħ." [5]

************************

## *Referenzi*


1. *Signed: Muhammad, the Messenger of God. Letters of the Messenger*
2. The Life & Character of the Seal of Prophets, Volum II, paġna 27/*Sirat Khatamun-Nabiyyin*, paġna 279
3. The Life & Character of the Seal of Prophets, Volum II, paġni 61-67/*Sirat Khatamun-Nabiyyin*, paġni 303-307
4. *Paigham-e-Sulh: Ruhani Khaza'in*, Vol. 23, pp. 468-469
5. Islam's Response to Contemporary Issues, paġna 31, ġie ppubblikat fl-2012, fl-Ingilterra

# IMĦABBA GĦAL KULĦADD
# MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

"L-ebda reliġjon b'messaġġ universali u ambizzjonijiet globali biex tgħaqqad lill-bniedem taħt bandiera waħda ma tista' anke għal żmien qasir issostni l-idea li tuża l-forza biex ixxerred il-messaġġ tagħha.

**Ix-xwabel jistgħu jirbħu l-artijiet iżda mhux il-qlub. Il-forza tista' tgħawweġ l-irjus iżda mhux l-imħuħ."**

*"No Compulsion in Religion"*
*by Laiq Ahmed Atif,*
*in Maltese Language*


**Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**
**www.ahmadija.org.mt**

9 789995 759049